# midd idek għall-fqir Sir 7:32



## Daħla

Is-Segretarjat Djakonija, magħmul mill-entitajiet tal-Knisja f'Malta li joffru s-servizzi tagħhom lill-persuni vulnerabli, jingħaqad mal-proċess ta' tiġdid li qed tagħmel il-Knisja f'Malta f'dawn is-snin li ġejjin – proċess imsejjaħ ***Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed***.

Dan qed nagħmluh billi f'din l-ewwel sena ta' dan il-proċess ħadna l-ewwel attitudni pastorali li jipproponielna – **il-Knisja tisma'**. Jgħid d-dokument: *Is-smigħ huwa attitudni li biha wieħed jew waħda jġoġġu lilhom nfushom b'mod sħiħ għad-disposizzjoni tal-oħrajn; fejn l-enerġija u l-attenzjoni kollha tiegħu jew tagħha tingħata lill-ieħor jew lill-oħra. Li tisma' jfisser li toħloq sspazju fik innifsek fejn il-persuna l-oħra tħossha fiż-żgur, tħossha milqugħha kif inhi u allura, tħossha maħbuba.*

Dan is-smigħ minn naħa tagħna bħala Knisja ġie issuġġerit lilna fuq kollox minn Papa Franġisku meta fl-Eżortazzjoni Appostolika ***Il-Ferħ tal-Vanġelu*** tenna: *Il-Knisja għamlet l-għażla favur il-foqra. Huma għandhom ħafna x'jgħallmuna. Bit-tbatijiet tagħhom huma jiltaqgħu ma' Kristu li jbati. Hemm bżonn li lkoll kemm aħna nħallu lilhom jevanġelizzawna. L-evanġelizzazzjoni ġdida hi stedina biex nagħrfu l-qawwa feddejja tal-ħajjiet tagħhom u nqiegħduhom fil-qalba tal-mixja tal-Knisja. Aħna fihom imsejħin niskopru lil Kristu, noffrulhom il-vuċi tagħna favur il-kawżi tagħhom, imma anki li nkunu ħbieb tagħhom, <u>nisimgħuhom, nifhmuhom</u> u <u>nilqgħu</u> l-għerf misterjuż li Alla jrid iwasslilna permezz tagħhom* ( n. 198).

U dan l-aħħar fl-Udjenza Ġenerali li saret minnu fit-23 ta' Settembru 2020, meta kien qed jitkellem fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà tenna dan: *Kulħadd għandu jkollu l-possibbiltà li jerfa' r-responsabbiltà tiegħu fil-proċessi ta' fejqan tas-soċjetà li minnha jagħmel parti. Meta jibda jseħħ xi proġett li jolqot direttament jew indirettament gruppi soċjali, dawn ma jistgħux jitħallew barra mill-parteċipazzjoni fih. Ngħidu aħna: "Int x'qed tagħmel?". "Jiena mmur naħdem għall-foqra". "Ħaġa sabiħa, u x'tagħmel?". "Jiena ngħallem lill-foqra, ngħid lill-foqra x'għandhom jagħmlu". "Le, hekk mhux sew, l-ewwel pass għandu jkun li tħalli l-foqra jgħidulek huma kif qed jgħixu, x'għandhom bżonn: hemm bżonn inħallu lil kulħadd jitkellem! U hekk jaħdem il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Ma nistgħux inħallu lil dawn in-nies barra mill-parteċipazzjoni; l-għerf tagħhom, l-għerf tal-gruppi l-iżjed ċkejkna ma jistax jitwarrab għall-ġenb.*

B'hekk, mqanqlin minn dan l-ispirtu kemm tal-Papa, kif ukoll tal-Knisja lokali, matul dan l-aħħar żmien tlabna lill-istess entitajiet tagħna fi ħdan is-Segretarjat Djakonija biex imexxu focus-groups bejn il-persuni li jiffrekwentaw s-servizzi tagħhom ħalli nisimgħuhom f'dak li għandhom xi jgħidulna.

U dan huwa ir-riżultat ta' dan l-eżerċiżżju b'xi punti li ħarġu minn dak li qalulna il-benefiċjariji tas-servizzi tagħna. Qabel dan ir-riżultat hemm stampa ta' kemm huma il-persuni li qed jibbenefikaw mis-servizzi li toffri l-Knisja f'Malta permezz ta' dawn l-entitajiet li jiffurmaw is-Segretarjat Djakonija.

# AĦWA MINURI KAPUĊĊINI (OFM CAP) – PROVINĊJA TA' MALTA

## Chaplaincy fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (FKK)

Fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin hemm madwar 800 prigunier u kull min jitlob is-servizz (spiritwali u materjali) tal-Patrijiet, noffruh. Diffiċli tikkwantifika kemm għax m'hemmx regola. Il-ħabs huwa realta partikolari ħafna.

## Chaplaincy Mater Dei Hospital

## Chaplaincy Mount Carmel Hospital

# CARITAS MALTA

## Fondazzjoni Caritas Malta

Counselling & Social Work Unit
Second Hand Items Project (SHIP)
Support Groups
- Young Seperated Support Group
- Rose Group
- Thursday Club
- Huntington's Support
- Emotions Anonymous
- Alcoholics Anonymous and AL Anon
- Caritas Malta Epilepsy Association

Community Wellbeing and Development Unit
Diaconia and Helpage Unit

Il-fuq minn 2,000 persuna rċevew servizzi varji minn Caritas Malta matul is-sena 2020

## Foundation for The Rehabilitation of Drug Abusers (Caritas Malta)

New Hope Project

Statistics as per 13th October 2020

| Unit / Programme | Since 1st January 2020 |
|---|---|
| Outreach | 652 registered clients |
| Family Services | 399 registered clients |
| Male Shelter | 64 residents (Currently there are 8) |
| San Blas Male Therapeutic Community | 42 residents (Currently there are 11) |
| Et Iris – Females' Therapeutic Community | 21 residents (Currently there are 11) |
| Semi-Residential at Dar Charles Miceli | 16 residents (Currently there are 5) |
| Prison Inmates Programme | 18 residents (Currently there are 8) |
| Evening Programme | 26 clients (Currently there are 10) |
| Aftercare | 51 clients |
| Re Entry | 22 clients |
| CCF Outreach | 24 clients |

## Fondazzjoni Dar Il-Hena

Fondazzjoni Dar il-Hena is a joint effort between The Ministry for Family, Children's Rights and Social Solidarity, Caritas Malta and The Alfred Mizzi Foundation, to help individuals experiencing homelessness in Malta and Gozo. The foundation has three shelters, two of which are emergency homeless shelters, the first of their kind in Malta, and a third which is a long-term residential shelter. The foundation also offers lunch daily to people in need.

### Dar Papa Frangisku Male Emergency Shelter

The aim of the shelter is to accommodate males between the ages of 18 and 59, who due to diverse issues, including drug and alcohol use, incarceration, mental health difficulties and familial problems among others, end up homeless. The shelter meets these individuals' basic needs and therefore provides shelter, food, clothing, hygienic and laundry services. Dar Papa Franġisku, through social work interventions and a holistic approach, aims to serve as the bridge between being homeless and moving onto independent living or further supported accommodation.

Year 2020:

| | | | |
|---|---|---|---|
| January | 26 Clients | June | 8 Clients |
| February | 22 Clients | July | 23 Clients |
| March | 14 Clients | August | 17 Clients |
| April | 5 Clients | September | 11 Clients |
| May | 3 Clients | | |

### Dar Maria Dolores Emergency Shelter

Dar Maria Dolores provides shelter, food, clothing, hygienic and laundry services to women. The latter come on our doorsteps homeless and with many other difficulties, including drug and alcohol addiction, mental health difficulties, relationship and familial issues, amongst many others. Through dedicated social work interventions, we guide these women to seek further support and to seek employment in order to be able to lead a more stable and healthier lifestyle. As with Dar Papa Franġisku, Dar Maria Dolores aims to serve as the path towards either supported accommodation or independent living.

Year 2020:

| | | | |
|---|---|---|---|
| January | 8 Clients | June | 2 Clients |
| February | 6 Clients | July | 3 Clients |
| March | 5 Clients | August | 3 Clients |
| April | 1 Client | September | 0 Clients |
| May | 5 Clients | | |

### Reach Residential Programme

A long-term shelter for individuals experiencing homelessness following their emergency stay at either Dar Papa Franġisku or Dar Maria Dolores. Reach residential, apart from addressing the main concern of homelessness, is a programme which aims to teach and equip the service-users with diverse and essential life skills and budgeting skills in order to help these individuals to move towards independent living. Dedicated staff follow the service-users in their care-plan and in partnership with the service-users see that their

goals are being met timely and in a meaningful manner to ultimately reach a better quality of life. Besides, Reach Residential, established its After-Care service in 2019, with the aim to continue offering further support for the individuals who had made use of its service and returned to living independently.

Year 2020:

| | | | |
|---|---|---|---|
| January | 9 Clients | June | 9 Clients |
| February | 7 Clients | July | 10 Clients |
| March | 9 Clients | August | 9 Clients |
| April | 9 Clients | September | 9 Clients |
| May | 9 Clients | | |

### Dar Papa Frangisku Food Service

Dar Papa Franġisku food service provides a warm meal, hygienic and laundry services all year round to individuals who are experiencing drug and alcohol use, mental health difficulties, solitude and familial difficulties amongst the many other experiences that these individuals share and trust us with.

Year 2020:

| | | | |
|---|---|---|---|
| January | 145 Clients | June | 148 Clients |
| February | 123 Clients | July | 150 Clients |
| March | 123 Clients | August | 133 Clients |
| April | 136 Clients | September | 153 Clients |
| May | 155 Clients | | |

## UFFIĊĊJU ĦIDMA MAL-PERSUNI SEPARATI

Persuni li jirċievu servizzi regolari kull xahar għas-sena 2020:

i. Attenzjoni individwali matul ix-xhur tas-sena 2020:

| | |
|---|---|
| - Koppji fi proċess lejn ċelebrazzjoni taż-żwieġ: | 4 |
| - Koppji fi proċess ta' rikonċiljazzjoni: | 13 |
| - Separati fi proċess legali: | 11 |
| - Separati li lestew proċess legali: | 15 |

ii. Attenzjoni fi gruppi matul ix-xhur tas-sena 2020:

| | |
|---|---|
| - Gruppi fi ħdan Caritas: | 4 |
| - Gruppi fi ħdan Parroċċi mas-separati: | 3 |
| - Gruppi fi ħdan Parroċċi ma' prayer groups/miżżewġin: | 3 |
| - Gruppi fi ħdan id-Djoċesi single/koppji żgħar: | 1 |

## DAR FRATE JACOBA – YOUTH ALIVE FOUNDATION

Dar Frate Jacoba qed tospita tmin żagħżagħ u pprovdiet is-servizz tagħha lil dawn iż-żagħżagħ

## DAR HOSEA – FRIENDS OF THOURET ASSOCIATION

Bħalissa hawn 33 kazi attiv ta' klijenti f'kuntatt ma' Dar Hosea. Hemm ukoll 17 il-klijenta oħra illi jattendu għal-lezzjonijiet tal-Crafts. Għaldaqstant qiegħdin f'kuntatt ma' 50 klijenta.

## DAR MERĦBA BIK FOUNDATION – THE GOOD SHEPHERD SISTERS

### Dar Merħba Bik

### Dar Bakita

Hemm sbatax-il Familja f'żewġt idjar differenti, waħda ta' Emerġenza u oħra ta' second stage.

## DAR OSANNA PIA U DAR MAMMA MARGHERITA

- Osanna Pia tospita 14 il-guvni li jistgħu ikunu Maltin jew barranin u jiġu mibgħuta mill-Aġenzija Appoġġ.
- Dar Mamma Margherita tospita 7 guvintur

## DJAR TAL-KNISJA GĦALL-ANZJANI

- The Commission, Church Homes for the Elderly is made up of the following:

1. Directorate, Church Homes for the Elderly/ Homes managed by the Archdiocese of Malta (licensed capacity total 302)

| | | | |
|---|---|---|---|
| Dar tal-Kleru | 51 | Holy Family Home | 87 |
| Casa Leone | 99 | Dar Saura | 65 |

2. Homes managed by the Religious Orders (licensed capacity total 362)

Dominican Sisters

| | | | |
|---|---|---|---|
| St Catherine Home | 97 | Apap Institute | 38 |
| St Peter's Home | 17 | St Dominic Home | 26 |

Franciscan Sisters

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pax et Bonum | 92 | Dar Porzjunkola | 8 |
| Madre Margherita | 23 | | |

Little Sisters of the Poor

| | |
|---|---|
| St Paul's Home | 59 |

## FONDAZZJONI SEBĦ

| Children's Homes | Number of Children | | |
|---|---|---|---|
| Dar San Nikola | 10 | Dar Sagra Familja | 12 |
| Dar Fra Diegu | 10 | St Theresa Home | 4 |

| Dar Sant'Anna | Number of Adults | Number of Children |
|---|---|---|
| Domestic Violence Shelter | 6 | 8 |
| Semi Independent Flats | 2 | 9 |
| Follow up | 8 | 9 |

| Community Prevention team | Number of Adults | Number of Children |
|---|---|---|
| | 19 | 6 |

## Djar Residenzjali għat-Tfal immexxija minn Reliġjużi

Dominican Sisters

St Joseph Home 10 t'itfal

Missionary Society of ST. Paul

Dar San Gużepp 15 il-tifel u żagħżugħ jgħixu full time fid-Dar

Salesians of Don Bosco

St Patrick's Residential Services 15 il-resident

Dar Dun Bosco 6 residenti

## Ursuline Sisters

Aħna bħala sorijiet Orsolini tal-Creche Sliema naċċettaw trabi u tfal ta' età ikbar li jkollhom bżonn l-imħabba u l-kura tagħna, kemm tar-refuġjati kif ukoll ta' Maltin, dejjem permezz ta' l-Appoġġ. Minn Dar l-Emigranti niġu mitluba biex inlestu basket b'kull ma hu neċessarju għal xi omm li tkun se twelled. Barra minn hekk ngħinu lil ommijiet ta' tfal refuġjati billi nagħtuhom ħwejjeġ, ħalib u ikel tat-tfal.

Għandna żewġt id-Djar oħra tat-tfal, waħda St. Rita Home Tarxien u l-oħra Angela House G'Mangia.

Tas-Sliema wkoll għandna Fatima House fejn inżommu numru ta' tfajliet minn 16 il sena 'l fuq sa 30 sena.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ursuline Creche Home | 13 | Dar Santa Rita | 11 |
| Angela House | 28 | Fatima House | |

## FONDAZZJONI SURIET IL-BNIEDEM

| | | | |
|---|---|---|---|
| Dar Parti Leopoldo | 17 il-raġel | Dar Frangisk | 15 il-raġel |
| Dar Teresa Spinelli | 17 il-mara | Dar Imelda u Paul Debono | 14il-mara |
| Dar Victoria | 14 il-raġel | | |

## ID-DAR TAL-PROVIDENZA

| | | | |
|---|---|---|---|
| Dar tal-Providenza | 92 resident | Dar Pirotta f'Birkirkara | 9 residenti |
| Żerniq | 4 residenti | Shalom | 5 residenti |
| Akkwarell | 3 residenti | | |

## KUMMISSJONI EMIGRANTI U REFUĠJATI

- Il- Kummissjoni toffri Alloġġ fi 13-il dar u Ċentru, f'seba' postijiet differenti (Valletta, Floriana, G'Mangia, Msida, San Ġiljan, Sta. Venera u Ħal Balzan). Fihom hemm mal-400 persuna.

## KONFRATERNITÀ TAL-KARITÀ

Iqassmu madwar tmenin hamper, darbtejn fis-sena

## MOVIMENT TA' KANA

Klijenti li għamlu użu mis-servizz tal-counselling service:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jannar | 91 klijenti | Gunju | 73 klijenti |
| Frar | 104 klijenti | Lulju | 108 klijenti |
| Marzu | 62 klijent | Awwissu | 98 klijenti |
| April | 21 klijenti | Settembru | 114 klijenti. |
| Mejju | 70 klijenti | | |

B'kollox sa issa kellna total ta 741 klijenti.

## PAULO FREIRE INSTITUTE FOUNDATION

Paulo Freire Institute offers various services.

In a month it provides its services to 114 children, 15 youths, 37 adults, and 3 families.

During 2019, the social work unit addressed the following services:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Relationship problems | 62 | Drug related problems | 18 |
| Marital prob/Separation /DV | 14 | Learning difficulties | 12 |
| Bereavement | 1 | Physical health problems | 8 |
| Housing issues | 22 | | |

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI

| | |
|---|---|
| Għajnuna finanzjarja kull xahar: | 34 familja |
| Għajnuna materjali (ikel u bzonnijiet bazici): | 22 familja |
| Għajnuna ta' sapport soċjali (social work, counselling, emotional support): | 67 familja |

## SOĊJETÀ SAN VINĊENZ DE PAUL

Visits

- Home visits
- Visits to the Homeless
- Visits to Prisoners (suspended by the Prison authorities)
- Visits to the Sick
- Visits to the Elderly

Madankollu billi l-maġġoranza l-kbira tal-membri u l-voluntiera tagħna huma kollha meqjusa bħala persuni vulnerabbli bażikament kellna nissospendu l-attivitajiet kollha tagħna jew ħafna minnhom, li inċidentalment kienu jinkludu wkoll iċ-ċelebrazzjoni tal-preżenza ta' 170 sena tagħna f'Malta. Meta kien possibbli ppruvajna nibqgħu f'kuntatt telefoniċi jew diġitali mall-anzjani u l-morda. Aħna għadna qed jirnexxilna nassistu finanzjarjament meta mitluba, imma anke dan kien limitat ħafna.

## ST JEANNE ANTIDE FOUNDATION

**327** Każijiet ġodda minn Jannar sa Ottubru 26, 2020

Tipi ta' diffikultajiet iffaċċjati minn dawn il-familji:

- 128 (problemi severi ta' saħħa mentali – aħna noffru għajnuna lill-qraba li

jieħdu ħsiebhom regolarment huma);
- 97 problemi kbar finanzjarji; familji li huma jew diġa' fqar jew qed jiżżersqu fil-faqar)
- 59 nisa u ulied li qed iġarrbu vjolenza domestika
- 24 persuni mxekkla sew b'emozzjonijiet negattivi diffiċli li qed iħommuhom lura milli jkunu bnedmin ħielsa
- 15 anzjani li qed jgħixu f'qagħda prekarja
- 11 familji bla saqaf
- 21 b'diffikultajiet oħra

(uħud mill-familji jaffaċċjaw aktar minn waħda minn dawn il-problemi)

| | |
|---|---|
| **223** | Każijiet oħra ta' familji fid-diffikultà li bqajna ngħinu mis-snin li għaddew |
| **550** | **TOTAL ta' familji fid-diffikultà li qed jiġu mgħejuna din is-sena – 2020** (460 individwi mgħejuna fi ħdan dawn il-familji) |
| **110** | Mill-550 – **nisa li ġarrbu vjolenza domestika** mgħejuna mis-Servizz SOAR immexxi minn survivors imħarrġa u mentored. |
| **1333** | Sessions li is-Psychiatric Nurse wettqet ma' Family Caregivers li jerfgħu ir-risponsabbiltà ta' kura ta' qarib b'mard mentali - minn Jannar sat-12 ta' Ottubru 2020 |
| **26** | Residenti li għexu fiż-żewġ residenzi li jakkomodaw nisa bla familja li tgħinhom u bla saqaf u uliedhom – 13 adulti u 13 il-tifel u tifla ibbenifikaw minn dan is-servizz sallum. |
| **87** | **Voluntiera** fil-2020. Imma, kemm minħabba l-kriżi nazzjonali li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19, 46 temmew is-servizz tagħhom. |

**FIRXA TA' IN KIND SUPPORTS**

Apparti l-interventi minn professjonisti li jaħdmu ma' familji fid-diffikultà, il-Fondazzjoni toffri lill-familji numru ta' għajnuniet – dejjem skont l-assessment li jkun sar tal-ħtiġijiet tagħhom u tal-potenzjalitajiet tagħhom biex jgħinu ruħhom. L-għajnuniet jinkludu:

- Pakketti ta' ikel u vouchers kull ġimgħa jew kull ħmistax;
- Toiletries u detergents;
- Back-to-school items;
- Ħwejjeġ għal persuni ta' kull età;
- Laptops użati;
- Tfittxija ta' sponsors biex ikopru ċertu nefqiet li m'għandhoms mezzi għalihom;
- Pariri minn esperti (pro bono);
- Debt Relief: kultant, meta l-ġenitur tkun qed tikkrolla bil-piż kbir ta' kontijiet li bla ebda mod ma tista' tħallas.

**SITES:**

1) Ċentru Antida, Ħal Tarxien – drop-in centre li joffri firxa ta' servizzi. Bħalissa qed jopera b'appuntamenti biss.
2) Ċentru Enrichetta, Birżebbuġa – drop-in centre għall-familji jeħtieġu għajnuna. Bħalissa jinsab magħluq minħabba nuqqas ta' fondi għal ħaddiema kif ukoll minħabba ċ-ċirkostanzi tal-COVID-19.
3) Bazaar: Ħal Tarxien – familji fid-diffikultà jingħataw voucher biex jieħdu ħwejjeġ meħtieġa bla flus.

4) Y-Assist supported accommodation service: Dar Esther f'Bormla u dar oħra Marsaskala.

**ĦADDIEMA**

Bħalissa: 13 – 5 full-time u 8 part-time, apparti l-Voluntieri.

## THE MILLENNIUM CHAPEL

- Madwar 100 familja (i.e. madwar tliet mitt persuna) jirċievu l-food pack kull xahar fuq bażi regulari.
- Madwar 40 persuna oħra kull xahar - walk-ins
- Madwar 30 persuna kull xahar jagħmlu użu mis-servizz tal-counselling.

## FONDAZZJONI "PAĊI U ĠID"
## JESUIT REFUGEE SERVICE
## LABORATORJU TAL-PAĊI ĠWANNI XXIII

## FOCUS GROUPS - Metodoloġija u Parteċipazzjoni.

Intbagħat kwestjonarju u spjegazzjoni tal-istedina lil realtajiet fi ħdan is-Segretarjat Djakonija li jaħdmu fost gruppi diversi ta' nies li jirċievu servizzi. Kellna risposti minn fost 8 gruppi ta' benefiċjarji li huma: anzjani fid-djar tal-knisja, nisa, vittmi ta' vjolenza domestika, nies bi problemi ta' saħħa mentali, immigranti, tfal u żgħażagħ li jgħixu f'istituzzjoni, persuni li għaddejjin mir-rijabilitazzjoni tal-vizzji. Kellna wkoll erba' parroċċi li pparteċipaw fejn ovvjament il-beneficjarji kienu minn servizzi diversi imma li ġew offruiti lilhom mill-parroċċa.

### Il-mistoqsijiet proposti kienu:

**Meta taħseb dwar dan is-servizz li qed jiġi offrut lilek minn entità li tagħmel parti mid-Djoċesi,**

- X'ifisser għalik li dan is-servizz qed jiġi mogħti mill-knisja?
- Kif taħseb li il-knisja tista' tkun aktar ta' servizz għal min ikollu bżonnijiet bħal tiegħek?
- Semmi xi ħaġa li togħġbok dwar is-servizz li tirċievi u xi ħaġa oħra li taħseb li tista' tkun aħjar u jekk għandek xi ideat għidilna kif.
- Hemm xi affarijiet li tħoss tista' tgħin lil ħaddiehor fihom? Issa li rċevejt kif tħoss li tista tgħin lil haddieħor int?
- Int ircevejt għajnuna materjali. Tħoss li bħala knisja qegħdin ukoll ngħinuk ukoll fl-aspett l-ieħor?...dak spiritwali...u allura barra mill-bżonn materjali tiegħek, qegħdin ngħinuk tikber anke bħala persuna? Għandek xi ideat kif dan jista' jsir iktar u aħjar?
- Tħoss li meta ltqajt magħna, barra il-bżonn tiegħek, lqajnik bi stima li jistħoqqlok bħala persuna, u tajnik l-attenzjoni li għandek bżonn?
- X'taġseb li għandha tagħmel il-knisja biex tkun iktar kapaċi twassal lil Ġesu għand aktar nies?
- Fis-servizz li ġejt provdut kien hemm għajnuna ta' nies professjonisti? Ħassejt li dan kien biżżejjed, jew forsi trid tissuġġerixxi kif seta kien aħjar? (eż bżonn ta' avukati, tobba, social workers skond isservizz)

Ix-xewqa kienet li l-gruppi jiġu faċilitati minn nies li jmexxu servizz differenti minn dak li dwaru jkunu se jitkellmu il-benefiċjarji, madankollu minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija, dan l-aspett kellna nwarrbuh u l-gruppi ġew immexxija minn persuni responsabbli fl-istess servizz. Diversi kienu wkoll l-entitajiet li avżawna li jew ma jistgħux jipparteċipaw minħabba responsabbiltajiet iktar urġenti li qed tpoġġi fuqhom ir-realtà tal-pandemija, jew li esprimew li minħabba l-istess realtà jkollom jipparteċipaw b'mod ristrett.

## ANZJANI LI JGĦIXU F'DJAR TAL-KNISJA

Ħafna mir-residenti li ppartecipaw esprimew li jħossuhom aktar viċin tal-knisja u l-knisja qribhom għall-fatt li jgħixu f'dar mmexxija mill-knisja. "Id-dar li ngħixu fiha qed toffrilna kenn, kura u protezzjoni, mhux biss mill-aspetti materjali imma anki spiritwali" qalulna.

Esprimew illi hemm bżonn li l-anzjani jsibu iktar ma min jitkellmu kemm fil-lokalitajiet tagħhom kif ukoll meta fid-djar dwar il-bżonnijiet tagħhom u dak li jkunu qed jgħaddu minnu u jaħsbu dwaru. "Jgħoġobna ħafna l-Quddies li tigi organizzata kuljum, u l-attivitajiet li jiġu organizzati fid-dar. It-tqarbin bħalissa mhux isir fil-floors ħabba Covid-19, dan ifisser li xi residenti ma jistgħux jinżlu mill-kamra u vera jixtiequ li jerga' jibda jkollhom tqarbin hemm residenti ma jigi jarahom ħadd, u aħna residenti ngħinu lil xulxin kif nistgħu. Nimmissjaw il-Happy Hour with Jesus mas-Sur Joe Aquilina."

L-anzjani esprimew kif l-istaff u management jaħdmu bla waqfien u jġibu ħafna rispett, u issa li hawn Covid-19 sirna iktar familja waħda. Nafu li l-vokazzjonijiet vera naqsu imma nixtiequ li jibda' jkollna iktar visits minn Fathers jew gruppi la jgħaddi kollox. Fl-aħħar qalulna "hawnhekk joffrulna servizzi minn barra - tobba, social workers, nurses, physio therapists" Grazzi.

## SERVIZZI GĦAN-NISA
## VITTMI TA' VJOLENZA DOMESTIKA

Kienu ċ-ċirkustanzi li sibt ruħi fihom li wassluni biex nirċievi dan is-servizz. Qabel ma ġejt bżonnhom jien ma kont naf xejn dwar dawn is-servizzi. Ħriġt mid-dar għas-sigurtà tiegħi u ta' uliedi peress li sibt ruħi f'relazzjoni abbużiva.

Inħossni milqugħa ħafna, sibt is-support u qed nitgħallem niskopri iżjed dwari, biex nibda ħajja ġdida u aħjar. Naħseb li l-Knisja qed tagħmel sewwa toffri saqaf għal nisa bħali u tfal bħal uliedi. Dak li sibna hawn hija knisja differenti minn dik li kont naf qabel. Il-fatt li l-knisja toffri dan is-servizz ifisser li jien nista' nerġa nipprova nqum fuq saqajja.

Jista' jkun li hemm bżonn iktar djar bħal dawn, forsi anke għall-irġiel li jkunu qed jiġu abbużati...jeżistu wkoll. Barra l-għajnuna tal-ikel hemm ukoll ħafna nies li għandhom dħul baxx ħafna. Forsi ċertu kontribuzzjonijiet li titlob il-knisja għas-servizzi tagħha bħal ta' l-iskejjel tista' ma titlobhomx lil dawn il-familji. Naħseb li il-Knisja tista' wkoll taħdem mal-Jobsplus biex l-ommijiet ikunu jistgħu jerġgħu lura għall-edukazzjoni li jkunu tilfu, u forsi toffrilhom childcare għat-tfal.

L-istaff li jgħinna, jagħtina ħafna sapport u direzzjoni fis-sitwazzjonijiet spiss ta' dispramet li nkunu fihom. Iġibu l-ferħ f'ħajjitna, jagħmlulna l-ħargiet, kartolini, inħossuna li xi ħadd jirrikonoxxina. L-istaff jismagħna, u nsibuhom ukoll biex jagħtuna parir u direzzjoni.

Nixtiequ li jkollna permess għal night out u forsi noqodu barra naqra aktar tard mis-soltu matul il-weekend. Aħna jiġi minna wkoll li nibżgħu għal xulxin għax ġieli l-inkwiet jiġi wkoll minn kliemna stess. L-istaff min naħa l-oħra tajjeb li jkunu sensittiv waqt il-laqgħat tar-residenti speċjalment meta is-suġġett ikunu t-tfal. Napprezzaw ħafna meta l-istaff insibuhom anke meta nkunu rrabjati jew emozzjonalment għajjenin. Nixtiequ li jiġi impjegat cleaner għall-areas komuni fid-dar, u li ċertu għamara u kutri jiġu mibdula.

Bħala residenti nipprovaw nużaw it-talenti tagħna u nagħmlu make overs lil xulxin. Dan jagħtina boost, u ġieli anke organizzajna waħda għal nies bi bżonnijiet speċjali. Dawk li involuti wkoll fil-komunità reliġjuza wkoll isegwu l-bibbja u jagħmlu attivitajiet għall-familja.

Il-knisja għandha tkompli tkun konxja mit-tbatijiet tan-nies. Ħadna pjaċir naraw li l-Papa aċċetta lill-Gays. Il-qassisin għandhom ikunu ta' eżempju u jgħixu dak li jippriedkaw. Nemmnu li għandu jkun hemm iktar komunikazzjoni posittiva bejn il-knisja u l-istat. Imma l-knisja trid ukoll titkellem iktar dwar il-familja, l-imħabba u r-rispett lejn xulxin, barra mill-infern u l-ġenna.

Naħsbu li hemm bżonn f'servizz bħal tagħna ikollna avukati li jistgħu imexxuna u jagħtuna pariri. Flattijiet 3rd stage li jkunu semi independent ukoll idea tajba, sakemm inkunu nistgħu nqumu fuq saqajna sew u forsi nkunu nistgħu napplikaw għal loan. Naħsbu wkoll li wasal iż-żmien li jitpoġġew cameras biex ikollna ambjent aktar sigur u jonqos is-serq bejn ir-residenti, u li l-istituzzjonijiet ikunu mmexxija bla preferenzi.

Żewġ benefiċjarji ta' Dar Hosea aċċettaw li jitkellmu
ma persuna li taħdem fid-dar dwar il-mistoqsijiet tagħna.

Xhieda 1

Jien wasalt hawn għax kien hemm social worker li rreferieni għal dawn is-servizzi. Aċċettajt għax kelli ħafna nkwiet, inkluż prosituzzjoni. Togħġobni li s-servizz huwa provdut mill-knisja għaliex inħoss li jkun hemm iżjed minn jitlob għalina. Servizzi bħal dawn huma tajbin ħafna għal min ikollu problemi.

Kuntenta għaliex nista' niftaħ qalbi u niddiskuti dwar problemi li jiena jkolli. Ma nistax naħseb f'xi ħaġa li jiena nixtieq inbiddel dwar is-servizz.

Nista' ngħid lil min jaf li hu fil-problemi biex juża s-servizz ukoll; speċjalment għax jiena naf li jiena għaddejt minn ħafna u nista' nifhem lil dak li jkun ikun għaddej minn ħafna diffikultajiet. Ħaddiehor jgħid li jiena persuna simpatika u orrajt, u din japprezzawha fija. Jiena persuna qalbi tajba u nieħu ħsieb lil familja tiegħi li bħalissa għandha bżonn l-għajnuna tiegħi.

Naħseb li n-nies li ma jkollhomx bażi tajba u valuri tajba mill-familja, ma jkunux iridu isegwu dak li tagħmel il-Knisja.

Xhieda 2

Wasslitni għal dan is-servizz ħabiba tiegħi li tużah ukoll. Ma konmtx naf li s-servizz huwa tal-knisja imma nħossni komda. L-istaff li naf dedikat ħafna u tant inħossni komda magħhom li lanqas naf x'jista jkun aħjar. Imma jagħtuni ħafna sapport psikoloġiku.

Jien nista' ngħin billi nisma' service users oħra forsi bit-telefon jew permezz tas-social media. Għandi qalbi tajba wkoll allura nista' ngħin. Sewwa li jiġi organizzat iktar talb forsi. Imma fuq kollox grazzi grazzi grazzi.

## NIES BI PROBLEMI TA' SAĦĦA MENTALI

Il-Knisja tagħti servizz iktar sħiħ. Għajnuna kbira u solliev għall-marid. Il-patrijiet jgħinuna ħafna hawn l-isptar imma forsi hemm bżonn li dawn ikollom lajċi jgħinuhom jgħinuna spiritwalment. Il-patrijiet fl-Isptar jgħinu lill-persuni li għaddejjin minn diffikultà ta' saħħa mentali. Iktar presenza fis-swali li tista' tintlaħaq permezz ta' iktar patrijiet (li nafu li hi diffiċli) jew persuni lajċi mħarrġin.
Inħossuna rispettati ħafna mill-patrijiet. Il-pazjenti dejjem huma trattati bir-rispett mill-patrijiet. Fil-kaz ta' dan l-isptar (MCH), forsi jista' jkun hemm iktar mumenti fejn issir diskussjoni indvidwali mal-pazjenti, mumenti ta' talb (minbarra l-Quddiesa), u jgħinu lill-istaff ukoll.
L-Knisja tista' toffri iktar tagħlim lill-ħaddiema fl-isptarijiet (short lectures u outreach) ħalli tinkuraġġixxi lill-ħaddiema jipprattikaw valuri nsara mal-pazjenti.
Imma fuq kollox grazzi tas-servizz li twettqu (lill-patrijiet) u nittamaw li s-servizz tal-patrijiet li twaqqaf minħabba l-pandemija, jitkompla mill-aktar fis.

## IMMIGRANTI

### Il-laqgħa saret ma' grupp mill-Eritrea

Fl-2008 grupp mill-Eritrej li waslu Malta kienu jafu l-missjoni tal-kapuċċini Maltin fl-Eritrea. Għaldaqstant kif waslu Malta staqsew għall-kapuċċini. Bħala Eritrei kattoliċi ridna li nżommu l-fidi tagħna ħajja anke hawn Malta. Il-kapuċċini sibnihom dejjem f'pajjiżna u anke hawn.

Għalina l-Eritrei li ngħixu Malta, l-għajnuna tal-kapuċċini tfisser sostenn spiritwali, tfisser li m'aħniex waħedna, li nistgħu ngħixu l-fidi tagħna, u anke meta xi aħwa jkunu fil-bżonn anke għajnuna materjali. Bħala komunità aħna grati ħafna lejn il-knisja f'Malta. Kienet u għadha tgħinna ħafna. Napprezzaw li nitqiesu bħala parroċċa. Għalina l-istatus ta' 'Special Parish of the Eritrean Community' f'Malta jagħtina sens t'appartenenza u punt ta' referenza għall-komunità tagħna.

Il-Knisja tista' tkun ta' servizz kbir għalina fl-evangelizzazzjoni tal-Maltin kontra r-razziżmu, bħala Eritrei nħossu li l-Maltin laqgħuna, imma mhux hekk lil afrikani oħra ta' nazzjonalitajiet differenti. Qasam ieħor fejn inħossu li l-Knisja f'Malta tista' tgħin huwa biex ikun hemm aktar għaqda ma ħutna l-Eritrei Ortodossi li jgħixu f'Malta. Hija pjaga li teżisti anke f'pajjizna imma nixtiequ u nagħmlu l-almu tagħna biex ikun hemm iktar laqgħat u djalogu bejnietna hawn Malta. Napprezzaw ħafna wkoll li l-knisja f'Malta tkompli tgħinna f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċittadinanza. Diversi minn sħabna diġa rħewla lejn pajjiżi oħra biex jgħixu hemm. Hawn Malta impossibbli nieħdu ċ-ċittadinanza imma aħna kuntenti hawn u nixtiequ li nibqgħu hawn, nintegraw fis-soċjetà, u nkomplu ngħinu lil Malta b'ħidmietna. Madankollu l-fatt li l-gvern Malti jagħmilha diffiċli ħafna, kważi impossibbli li nieħdu ċ-ċittadinanza, toħolqilna ħafna sitwazzjonijiet iebsin fil-ħajja tagħna hawnhekk.

Napprezzaw ħafna li l-kapuċċini jħallsu biex qassisin Eritrei mill-italja jaslu Malta u jwasslu l-ministeru tagħhom fostna fil-festi ta' l-Għid u l-Milied. Li niċċelebraw il-quddies bir-rit tagħna u bil-lingwa tagħna għalina xi ħaġa prezzjuża ħafna. Nixtiequ li l-knisja f'Malta tgħinna nheġġu lil sħabna Eritrei jżommu l-fidi tagħhom ħajja. Ħafna marru mal-Pentekostjani, u l-biċċa l-kbira huma Ortodossi, nħossu li hemm diversi li għandna naħdmu biex nilħqu u jingħaqdu magħna.

Barra minn dan nixtiequ ngħinu lill-kattoliċi Maltin. Nemmnu li nistgħu noffru xi ħaġa posittiva lil ħutna kattoliċi Maltin permezz tax-xhieda tagħna. Jekk aħna bħala kattoliċi Eritrei ngħixu tassew bħala nsara fejn naħdmu, fil-familji tagħna, fil-villaġġi u bliet Maltin żguri li bl-eżempju tajjeb tagħna nistgħu ngħinu ħafna Maltin. Nixtiequ nkunu ambaxxaturi mhux biss għal pajjiżna imma wkoll għall-fidi li nipprofessaw.

Permezz tal-kappillan tagħna u tal-kapuċċini meta konna fi kriżi finanzjarja, dejjem sibnihom. Għenuna nħallsu l-kirjiet, nlibbsu lit-tfal b'uniformi xierqa għall-iskola, u ħwejjeġ oħra bħal mediċini. Ovvjament din l-għajnuna tkun temporanja, sakemm inqumu fuq saqjna, nibdew naħdmu u nkunu nistgħu inħallsu l-kontijiet tagħna u forsi anke nibgħatu ftit flus lill-familji tagħna fl-Eritrea. Bħalissa x-xewqa tagħna li jibqa' jkollna għajnuna pastorali u spiritwali. Mhux faċli tgħix f'pajjiż barrani b'lingwa differenti, allura jkollna bżonn għajnuna pastorali u spiritwali kontinwa mill-knisja.

Bla dubju fil-knisja insibu l-imħabba u r-rispett speċjalment permezz tal-kariżma tal-kapucci. Mhux mill-knisja biss imma anke mill-Maltin li huma twajba ħafna magħna. Bħala kattoliċi eritrei qatt ma kellna problemi mal-pulizija jew man-nies. Aħna nirrispettawhom u huma l-istess lilna.

Napprezzaw ħafna l-knisja f'Malta imma innutaw in-nuqqas tal-ġenerazzjoni żgħażugħa fil-knejjes. Nemmnu li l-Knisja tista' tagħmel aktar biex tqarreb liż-żgħażagħ lejn il-Knisja
It-tieni osservazzjoni tagħna hi r-razziżmu. Diġa semmejna imma rridu nenfasizzaw. Irridu ngħixu iktar bħala aħwa. Ninnutaw li hawn Malta n-nies maqsumin anke kontra l-barranin, kontra l-musulmani, kontra nies ta' ġilda sewda, imma anke fuq twemmin politiku u orjentazzjoni sesswali.

Nagħlqu billi ngħidu li diversi professjonisti jgħinuna f'oqsma varji. Nitkellmu mal-kappillan tagħna u meta jkun hemm bżonn dejjem sibna sostenn anke mill-Kummissjoni Emigranti. L-iktar li niġu bżonn spiss huma professjonisti fl-oqsma:
Tas-saħħa mentali, peress li ħafna jġorru magħhom it-trawma ta' dak li jkunu għaddew minnu f'pajjiżna, u fil-Libja qabel naslu hawn.
Tal-integrazzjoni li spiss insibu fil-ħaddiema tal-Kummissjoni Emigranti, l-JRS u l-Kapuċċini
L-ivvjaġġar u r-ripatrijazzjoni.

Nagħlqu b'żewġ kelmiet: THANK YOU. Lill-Knisja Kattolika f'Malta, lill-kapuċċini, u lill-Maltin. Obbligati lejkom ilkoll. Qatt ma ninsew ix-xhur u s-snin li nqattgħu hawn Malta. Nammiraw ħafna l-imħabba, l-interess, is-solidarjetà, il-valuri nsara li biha tgħinu b'kull mod.

*HELP: Don't leave us alone. Continue to help us in all aspects. Though we really appreciate the pastoral and spiritual assistance that you as a Church always gives us, we appreciate the holistic help that you are always there to give us. Please continue to help us. We look at the Catholic Church in Malta as our mother who is always there to help. Thank you!*

## Persuni milquta mill-Vizzji

Kienu ħafna l-affarijiet li wassluna għal dan is-servizz, imma l-iktar il-vizzju tad-droga. Għandna bżonn l-għajnuna biex nieqfu mill-addiction. Il-fatt li rajna nies li rnexxew nħossu li jista' jirnexxilna aħna wkoll. L-istil ta' li kellna (depressjoni/solitudni) ma kinitx healthy u ħassejna li kellna nbiddluha. Emminna li bl-għajnuna jirnexxilna għax waħedna ma konniex se nasalu żgur.

Tgħallimna li Alla jfisser imħabba u b'din l-imħabba l-knisja qed tgħin lil min għandu bżonn. Għalkemm il-knisja għandha bżonn l-għajnuna finanzjarja xorta qed tgħin ħafna lil nies bħalna. Hawnhekk sibna sens f'Alla u bnejna relazzjoni miegħu. Napprezzaw ħafna l-fatt li għalkemm uħud minna barranin l-knisja laqgħatna, aċċettatna mingħajr ebda tikketti u għenitna. Għall-knisja qisu l-istigma u t-taboo ma jeżistux u tgħin nies bħalna bħalma għamel Kristu meta aċċetta lil kulħadd bla distinzjoni. Et Iris ressaqna lejn Kristu u lejn l-oħrajn b'mod aktar spiritwali.

Tajjeb li jkun hawn aktar għarfien u reklamar dwar is-servizzi li tipprovdi l-knisja, aktar għarfien dwar dak li jgħaddi minnu l-bniedem li jabbuża mid-droga biex titnaqqas it-taboo. Nixtiequ li jsir Semi-Residential għan-nisa u programm ta' Re-Entry għan-nisa biss. Dan il-post ikun jista' jservi ta' half-way house fejn aħna nistgħu inġemmgħu l-flus biex inkunu nistgħu nikru post/akkomodazzjoni aktar 'il quddiem.

Tajjeb ukoll li jkollna Female Shelter għax bħalissa biex tidħol għall-programm l-ewwel trid tmur id-DDU biex tistabbilixxi ruħek. Apparti li MCH minnu nnifsu joħloq stigma, jiġu aċċettati biss 10 persuni f'daqqa u mhuwiex ambjent adegwat.

Jogħġobna l-fatt li l-istaff tal-Outreach dejjem lesti li jilqgħuna f'kull ħin. Jogħġobna l-fatt li s-servizz huwa bla ħlas, effiċjenti u mill-qalb.

- "Jien nixtieq naqsam l-esperjenza tiegħi mal-oħrajn u ninsisti biex ħadd ma jibda' juża d-droga. Anke nixtieq noffri ħin għall-volontarjat billi nipprepara ikel għal min m'għandux saqaf fuq rasu u ngħin ġo food banks."

- *"Għandni ħafna talenti li nista' noffri... tisjir, parir, qalbi tajba,* nħobb ngħin lil ħaddieħor, kapaċi nisma' lil dak li jkun, leadership skills u naf nuri empatija u ngħin lil ta' madwari"

Il-Knisja għandha toffri aktar ħinijiet għall-quddies, taġġorna t-tagħlim tagħha, b'mod speċjali dwar l-LGBTIQ, tajjeb ma tibqax old school u taċċetta lil kulħadd kif inhu bħalma għamel Kristu. Tkun ħaġa sabiħa wkoll li toffri s-sagramenti lil kulħadd mingħajr distinzjoni eż: l-magħmudija lit-trabi li għandhom unknown father. Ovvjament ukoll li tinkuraġġixxi aktar nies jagħżlu l-ħajja reliġjuża.
Irridu ngħidu Grazzi kbira talli ħloqtu dan il-grupp biex tisimgħuna, naħsbu li se joħroġ ħafna ġid minn dawn il-gruppi. Lesti ngħinu jekk se jsiru xi attivitajiet f'Jum il-Foqra.

## Parroċċi

*Kellna żewġ parroċċi li għandhom kummissjoni attiva li tiftaħ l-uffiċċju tad-djakonija għan-nies darba kull ħmistax. Dawn għamlu focus group.*

*Żewġ parroċċi oħra li bagħtulna xi xhieda ta' klienti individwali ibbażata fuq il-mistoqsijiet tagħna.*

### Focus Group Parroċċa A

Wassluna hawn diversi realtajiet. Kien hemm min kellem lill-kappillan għax ma bediex ilaħħaq. Min kellem lil xi ħadd li jgħin fil-parroċċa, fuq is-sitwazzjoni tiegħu u rreferewhom huma. Minn St Jeanne Antide Foundation irreferewni għall-parroċċa u hawn waħda tieħu ħsiebi.

Jien pensjonanata u qed nieħu ħsieb żewġt itfal li spiċċaw waħedhom. Jien ġejt għax separata u l-kera għolja (€600 fix-xahar) u għandi 2 subien ta' 18 u 16 il sena Ma nistax naħdem minħabba mard – il-ħajja iebsa ħafna"

Il-knisja qed tagħmel biċċa xogħol tajba li taqdi fil-komunita, speċjalment għal min għandu dħul baxx bħalna. Dan is-servizz ifisser ħafna għalina, aħna ngħatu ftit u nirċievu ħafna aktar. Naħsbu li jfisser ukoll li l-Knisja qed timxi mal-Kelma t'Alla. Fuq kollox jekk ma tgħinx il-knisja minn se jgħinnek?

Naturalment għajnuna materjali dejjem tajba, imma l-iktar prezzjuża li ssib ma min tiftaħ qalbek. Għalhekk is-support mentali huwa importanti. Nafu li l-knsija għandha bżonn iktar għajnuna biex ikollha aktar minn fejn tagħti. Però trid toqgħod ukoll attenta għal xi nies li jabbużaw mis-servizz. Jieħdu l-affarijiet imbagħad ikollhom ħafna kapriċċi.
Nixtiequ li jkun hemm servizzi bħal counselling għat-tfal u għall-ġenituri, però konxji li diġa tagħmlu ħafna magħna.

Togħġobna l-kunfidenzjalità li meta tiġi hawn taf li tista' tafda. Sabiħ wkoll li fi żmien il-festi tagħtu vouchers u rigali għat-tfal. Diffiċli ssib xi tmaqdar. Forsi wieħed jista' jikkunsidra għotja aktar spiss li min hu f'sitwazzjonijiet għar minn tagħna. Forsi wkoll ikun hemm xi laqgħat soċjali fejn inkunu nistgħu nikkomunikaw u naqsmu esperjenzi. Mill-bqija però dejjem għajnuna rajt mingħandkom, li ċċemplu u ssaqsu kif aħna, hi diġà ħafna għax hawn min m'għandu lil ħadd.

Forsi wkoll ikun hemm servizz ta' xi ħadd li jista jwassal persuni li ma jistgħux jimxu l-knisja, jew xi ħadd iwassal għax-xiri naħsbu li importanti li l-knisja ma ddaħħalx politika għax in-nies jinterpretawha kif iridu u tbiegħdhom. Il-quddies għandu jkun aktar relevanti għan-nies, iktar 'down to earth' u talb li jiftiehem aktar, bħal qsim ta' esperjenzi . Hemm bżonn iktar ħidma mal-ġenituri biex iżommu u jagħddu l-valuri u l-fidi lit-tfal tagħhom, speċjalment qabel il-Griżma. Il-knisja jmissha anke tagħmel użu ikbar mill-Facebook u tispjega aktar il-Kelma t'Alla u dak li kien ħażin jibqa' jissejjaħ ħazin mhux jinbidel .

Fl-aħħar nixtiequ nsemmu li forsi jista' jkun hemm żjarat fid-djar imma aħna grati ħafna għal dak kollu li qed isir. Xi ħadd qal "gejt fuq saqajja bl-għajnuna li nirċievi. Veru servizz tal-ġenn" u "You helped me even though I profess a different religion"

## Focus Group Parroċċa B

Wassluna hawn in-nuqqas ta' finanzi li nirċievu u li meta kellna bżonn fil-passat sibna lill-parroċċa. Kienu wkoll il-ħbieb li rreferewna u qalulna li l-parroċċa tista' tgħinna. Xi wħud minna ġew ukoll riferuti mis-social workers . Xi ħadd qal ukoll "wara 3 snin ta' 'bullying' mis-SW u ġejt eskluża mis-soċjetà imma llum niddependi ħafna fuq il-parroċċa biex ikolli x'niekol.

Il-fatt li dan is-servizz mogħti mill-parroċċa joħloq bond sabiħ li tħoss li jnissel fiduċja fil-knisja u f'min imexxiha. Il-knisja dejjem tagħtna sens ta' sigurtà u kienet dejjem ħanina fil-konfront tagħna. Fuq kollox ifisser li għalkemm nbati minn kundizzjoni u fil-passat sofrejt abbużi minn istituzzjonijiet reliġjużi, nħoss li l-fidi tiegħhi għada ħajja u l-Knisja qed taqdi dmirha fl-għajnuna li tagħti lili u lil ħaddieħor. Il-knisja hija l-unika istituzzjoni li tagħti għajnuna.

Hawn ħafna nies homeless, il-knisja forsi tista' tipprovdilhom kenn, il-knisja jmissu jkolla wkoll is-social workers magħha, u naħsbu li għandu jkun hemm iktar nies mill-komunità biex jgħinu.

Il-fatt li hawn għandna kcina tqassam l-ikel tlett darbiet fil-ġimgħa hi ħaġa sabiħa ħafna. Il-helpers huma nies ħelwin u qalbhom tajba li xi drabi saħansitra jwsaluli l-ikel biex nieklu fil-post peress li jien homeless.

Jien ngħin lil xi anzjani, bħal per eżempju, billi nwassal xi ikel milli nkunu qed inqassmu lil min ma jkunx jista' jiġi hu għalih; hawn min jista' jgħin ukoll f'xi tindif. Xi ħadd semma wkoll li għalkemm għandi livell ta' edukazzjoni, kundizzjoni li għandi twaqqafni milli nuża l-potenzjali tiegħi, biss nista' ngħin f'xi tindif.

Il-knisja tista' tqassam leaflets fuq il-ħidma tagħha; jien għalkemm mhux Kattolika, xorta nattendi il-quddies fejn nirċievi l-messaġġ ta' Kristu. Il-knisja imissha titkellem aktar man-nies u jkollha voluntiera li jxandru dan il-messaġġ 'by walking in the streets".

Minn esperjenza personali, importanti li jonqsu l-abbużi fl-istituti tat-tfal, imma barra dan il-knisja tista' anke torganizza lezzjonijiet, anke on-line, biex tasal iktar.

Nirringrazzjaw lin-nies kollha li jgħinu lil dawk bi bżonnijiet speċjali.

Xhieda ta' **persuna anzjana** li tirċievi għajnuna mid-djakonija tal-parroċċa
Il-pensjoni ma servinix u din l-għajnuna nsiba tgħini. Għajnuna li tfisser ħafna għalija. L- għajnuna tal-ikel tajba ħafna forsi l-knisja tista' tgħin billi toffri għajnuna bħal meta niġu bzonn il-housing jew ARMS xi ħadd jiġi magħna.

Jiena nieħu pjacir nitkellem magħkom għax għalija tkunu ta' wens. Jien fejn ikun hemm bżonn ngħid kelma ta' ġid anki mal-ġirien li jaqduni. Allura nieħu pjaċir li nsib min jisma' lili wkoll. Talenti ma tantx għandi imma nies li jitkellmu miegħi jghiduli li meta jitkellmu miegħi nagħtihom parir siewi.

Is-Saċerdoti għandhom johorġu fit-toroq u jħeġġu lin nies mhux għal knisja u talb biss imma billi jagħmlu affarijiet żgħar għall-knisja.

Xhieda ta' **xebba omm** li tirċievi għajnuna mid-djakonija tal-parroċċa
Niġi hawn għax inkun għaddejja minn żmien diffiċli u hawn issib għajnuna, nitkellem u nesprimi dwejjaq li nkun għaddejha minnhom, Almenu hemm xi ħadd jismagħni u jgħini kif jista', għaliex waħdi iebsa wisq il-ħajja. Għajnuna mhux biss fl-ikel imma li tingħata kelma ta' għajnuna u sostenn biex ikolli ċerti servizzi tal-gvern għax kultant tkun iebsa l-ħajja.

Xi ħaġa li togħġobni hi li hemm xi ħadd li meta tkun ħażin nċempel u nsib ftit faraġ u għajnuna. Jien ngħin lit-tifla li tgħix miegħi u għandha tarbija wkoll. Ngħinha kemm nista' anki meta kienet għaddeja mill-mard. Talenti ma nafx li għandi.

Is-Sacerdot nemmen li jrid jkun aktar qrib il-batut u jkun aktar man-nies, ħa tkun aktar faċli li titkellem miegħu

Xhieda ta' **familja (omm, missier u 3 tfal)**
li tirċievi għajnuna mid-djakonija tal-parroċċa
Ersaqna għal dan is-servizz għax veru għandna bżonn l-għajnuna, saħansitra ma jkollnix flus biex nixtru kultant. Huwa ta' għajnuna anki meta tagħtuna ħwejjeġ u affarijiet għat-tarbija jgħinuna ħafna .... hawn niġi l-ewwel, qabel tal-familja. Tgħinha wkoll li nieħdu kelma tajba. Ilna zmien nistennew post tal-housing, ngħixu ġo żewġt ikmamar għalkemm intom għamiltu hafna. Tkun ħaġa sabiħa li jsir talb fit-toroq, jew ikolna visti d-dar avolja jien il-ħin kollu bl-storbju d-dar! Li tkun tista' tkellem qassis mhux il-knisja biss għax jien ma tantx mmur. Għandna bżonn immorru u nieħdu t-tfal magħna.

# TFAL U ŻGĦAŻAGĦ

*Ir-risposti ġew imwieġba minn min imexxi s-servizz f'dan il-każ*

Il-bżonn, specjalment issa, fejn l-introjtu huwa baxx għalkemm il-bżonnijiet tat-tfal huma ħafna. F'dan iż-żmien ta' pandemija kellna inwaqqfu kull attività li setgħet tgħina biex intaffu l-ispejjes ta' kuljum.

Il-fatt li aħna dar ta' tfal fejn l-ikel huwa l-ikbar spiża u dan is-servizz (fejn jiġi pprovdut ikel) tgħina intaffu ftit minn din l-ispiża.
Il-knisja minn dejjem kienet il-pijuniera f'dawn it-tip ta' servizzi u dan huwa mod tajjeb ħafna ta' kif tgħati xhieda tajba.

B'dan il-mod il-knisja tkun qed twettaq dak li tipriedka billi ikun hemm inizjattivi bħal dawn fejn jingħataw għajnuniet lil individwi kif ukoll organizzazzjonijiet li jeħtieġu għajnuniet diversi.

Il-knisja qed tgħamel ħafna ġid diġà però tajjeb li tkun iktar miftuħa u minflok min għandu bżonn iħabbat il bieb tal–knisja tkun il-knsija li tħabbat il-bibien u tmur għand in-nies.

Il-knisja tista tgħin anke fejn jidħlu oqsma ta' mard mentali. Tmiss iktar il-polz tan-nies.
Suggeriment li nixtieq ngħati hu biex ivarjaw il-prodotti pprovduti.....Li hemm tajjeb hu li dak li jipprovdu huwa kollu utli u li jintuża żgur. Fejn hemm familji bi tfal forsi jinataw vouchers minflok prodotti għax il-bżonnijiet tal-familiji ivarjaw speċjalment meta hemm it-trabi ġod-dar.

Nixtieq nissugerixxi li forsi fil-kaxxa ta' l-ikel li tingħata ikun hemm iktar prodotti healthy u li fi zmien tal-iskola jistaw jgħinu lit-tfal anke bi stationery u tip ta' ikel li it-tfal ikunu jistaw jieħduh magħhom l-iskola.

Inhoss li jien kreattiva u dan nesprimih anke fil-mod ta' kif nipprepara l-ikel għat-tfal tagħna. Kif ukoll noħloq prodotti bħal jams u chutneys biex inkunu nistaw inbiegħhom lin-nies biex intaffu ftit l-ispejjes ta' kuljum.

Jien inħit, inkanta u għandi organisanational skills tajbin ħafna u allura ngħin lit-tfal tagħna biex ikunu jistaw jużaw il-ħin tagħhom tajjeb kif ukoll iżommu il-kmamar tagħhom fl-ordni.

Il-knisja tajjeb li tgħaraf il-bżonnijiet tan-nies għax b'dan il-mod tkun qed twassal lil Ġesù bl-ezempju. Dan jista' jsir billi tkun preżenti iktar fil-ħajja kwotidjana tal-individwi fil-bżonn.

Billi thajjar iktar lin-nies jaqraw l-Evanġelju u jkun hemm iktar gruppi f'kull paroċċa fejn jinġabru iż-żagħżagħ u il-familija bħal Lectio Divina. Nemmen ukoll li hemm lok fejn ikun hemm iktar promozzjoni għal gruppi ta' żagħżagħ fejn jiltaqgħu fuq livell socjali u anke spiritwali.

Nirringrazjaw lil knisja tal-inpenn u l-għajnuna li qedha toffri lill-familiji li għaddejjin minn żminijiet diffiċli speċjalment issa f'dan iż-żmien ta' pandemija.

Segretarjat għad-Djakonija

2020
Jum Dinji tal-Foqra
Midd idek għall-fqir (Sir 7:32)